IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2021
COM(2021) 132 final

2021/0067 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku u li tirrikonoxxi t-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li tagħti opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku u li tirrikonoxxi t-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Barra minn hekk, din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia li jagħti aċċess ulterjuri għas-suq lill-partijiet kif previst fit-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra[1] ("il-Ftehim"), jistabbilixxi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (Deep and Comprehensive Free Trade Area - "DCFTA") li għandha l-għan li tistabbilixxi kundizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa. Dan jinkludi l-approssimazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Il-Ftehim daħal kompletament fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

### 2.2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ kien stabbilit fl-Artikolu 408(4) tal-Ftehim u jwettaq il-kompiti mogħtija lilu taħt it-Titolu IV tal-Ftehim, jiġifieri l-Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ.

Skont l-Artikolu 408(3), il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jadotta d-deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni huma vinkolanti, u l-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimplimentawhom. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu bi qbil bejn il-Partijiet, filwaqt li jikkunsidra l-proċeduri interni rispettivi.

### 2.3. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ġie stabbilit fl-Artikolu 404 tal-Ftehim. Huwa jagħmel superviżjoni u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u perjodikament janalizza l-funzjonament ta' dan il-Ftehim fid-dawl tal-objettivi tiegħu. Barra li jagħmel superviżjoni u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jeżamina kwalunkwe kwistjoni ewlenija li tinqala' fi ħdan il-qafas tal-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni bilaterali jew internazzjonali oħra ta' interess reċiproku.

Skont l-Artikolu 406 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fl-ambitu tal-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet. B'mod partikolari, l-Artikolu 419(5) jistipula li jekk il-Partijiet jaqblu li l-miżuri meħtieġa koperti bit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim ġew implimentati u qed jiġu infurzati, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, skont il-poteri mogħtija lilu fl-Artikoli 406 u 408 tal-Ftehim, jiddeċiedi dwar aktar ftuħ tas-suq kif previst fit-Titolu IV.

[1] ĠU L 261, 30.8.2014, p. 744.

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huma vinkolanti, u l-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimplimentawhom. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi qbil bejn il-Partijiet, wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

### 2.4. L-att previst tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

L-għan tal-att previst huwa li jagħti opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali ta' riforma komprensiva reċenti fil-qasam tal-akkwist pubbliku approvat mill-gvern Georgjan u li jirrikonoxxi t-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B tal-Ftehim (Skeda ta' Żmien Indikattiv għar-Riforma Istituzzjonali, l-Approssimazzjoni u l-Aċċess għas-Suq).

L-Anness XVI-B tad-DCFTA bejn l-UE u l-Georgia jistipula r-rekwiżiti li ġejjin għat-tlestija tal-fażi 1:

- L-implimentazzjoni tal-Artikolu 143(2) u l-Artikolu 144 ta' dan il-Ftehim
- Ftehim tal-Istrateġija tar-Riforma stabbilita fl-Artikolu 145 ta' dan il-Ftehim.

Fir-rigward tal-ewwel rekwiżit, l-Artikolu 143(2) jiddikjara li l-Georgia għandha tinnomina b'mod partikolari:

- korp eżekuttiv fil-livell ta' gvern ċentrali bil-kompitu li jiggarantixxi politika koerenti u l-implimentazzjoni tagħha fl-oqsma kollha relatati mal-akkwist pubbliku. Dak il-korp għandu jiffaċilita u jikkoordina l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u jiggwida l-proċess ta' approssimazzjoni gradwali mal-*acquis* tal-Unjoni, kif stipulat fl-Anness XVI-B ta' dan il-Ftehim;
- korp imparzjali u indipendenti li jkollu l-kompitu li jirrevedi d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontraenti jew entitajiet matul l-għoti ta' kuntratti. F'dan il-kuntest, "indipendenti" tfisser li dak il-korp għandu jkun awtorità pubblika li hija separata mill-entitajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi kollha. Għandu jkun hemm possibbiltà li d-deċiżjonijiet meħuda minn dan il-korp ikunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

Dawn il-miżuri tlestew rispettivament fit-23 ta' April 2014 bid-Digriet tal-Gvern 306 u fit-2 ta' Lulju 2020 bil-Liġi tal-Georgia Nru 6730.

Skont l-Artikolu 144, il-Partijiet għandhom jikkonformaw ma' sett ta' standards bażiċi għall-għoti tal-kuntratti kollha kif stipulat fil-paragrafi 2 sa 15 ta' dan l-Artikolu dwar il-pubblikazzjoni, l-għoti ta' kuntratti u l-protezzjoni ġudizzjarja. Dawn l-istandards bażiċi joħorġu direttament mir-regoli u mill-prinċipji tal-akkwist pubbliku, kif regolat fl-*acquis* tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, trattament ugwali, trasparenza u proporzjonalità.

Dawn il-prinċipji ġew inkorporati fir-regoli tal-Georgia dwar l-akkwist pubbliku bl-introduzzjoni ta' sistema tal-Akkwist elettroniku fl-2010 u bl-adozzjoni tal-Liġi tal-Georgia 617, tas-6 ta' April 2017 li temenda l-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Istat.

Fir-rigward tat-tieni rekwiżit tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B, meħtieġa l-approvazzjoni ta' pjan direzzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 145 tal-Ftehim. L-Artikolu 145(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi li, qabel il-bidu tal-approssimazzjoni gradwali, il-Georgia għandha tissottometti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, pjan direzzjonali komprensiv għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 8 tat-Titolu IV tal-Ftehim bi skedi u objettivi intermedji. Dan id-dokument, li skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu jikkonforma mal-fażijiet u l-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-Anness XVI-B, għandu jinkludi r-riformi kollha f'termini ta' approssimazzjoni mal-*acquis* tal-Unjoni u tal-bini ta' kapaċità istituzzjonali.

Fil-31 ta' Marzu 2016, il-Gvern tal-Georgia approva d-Digriet 536 tal-Gvern tal-Georgia, dwar l-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali "Dwar il-bidliet ippjanati fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku previsti f'konformità mal-obbligi bejn il-Georgia u l-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA)". Dan id-digriet ġie mmodifikat bid-Digrieti tal-Gvern Nru 154 tat-22 ta' Jannar 2018 u Nru 974 tat-12 ta' Ġunju 2020. Il-Pjan Direzzjonali jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 145(1).

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-Artikolu 145(2) tal-Ftehim, li jipprevedi li "wara opinjoni favorevoli mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, il-pjan direzzjonali jitqies bħala d-dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. L-Unjoni tagħmel mill-aħjar biex tassisti lill-Georgia fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali." Skont l-Artikolu 146(3), ir-rikonoxximent tat-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B jippermetti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ jipproċedi bl-evalwazzjoni tal-fażi li jmiss.

### 2.5. Id-deċiżjoni prevista mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-aċċess għas-suq

Wara r-rikonoxximent tat-tlestija tal-fażi 1, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 146(2) u 419(5) u mal-iskeda għar-riforma istituzzjonali, l-approssimazzjoni u l-aċċess għas-suq li tinsab fl-Anness XVI-B, għandu jiddeċiedi li jagħti aċċess reċiproku għas-suq għall-provvisti lill-awtoritajiet tal-gvern ċentrali.

## 3. IL-POŻIZZJONIJIET LI GĦANDHOM JITTIEĦDU F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandha l-għan li tagħti opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali approvat mill-gvern tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku.

Barra minn hekk, hija għandha l-għan li tirrikonoxxi li, billi tapprova l-istrateġija ta' riforma komprensiva skont l-Artikolu 145 u tirrikonoxxi l-implimentazzjoni tal-Artikoli 143(2) u 144 tal-Ftehim, il-Georgia lestiet il-fażi 1 tal-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, l-Approssimazzjoni u l-Aċċess għas-Suq).

Skont l-Artikolu 145(2) tal-Ftehim, wara opinjoni favorevoli mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, il-pjan direzzjonali għandu jiġi inkorporat bħala d-dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 8 tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha l-għan li tiddeċiedi dwar l-għoti ta' aċċess ulterjuri għas-suq lill-partijiet kif previst fit-Titolu IV tal-Ftehim.

Jenħtieġ li dawn id-deċiżjonijiet jitqiesu fil-kuntest usa' tal-isforzi li saru mill-UE u l-Georgia biex jiġu approssimati l-leġiżlazzjonijiet tagħhom, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku, sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

*4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti ġuridiċi, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti ġuridiċi" jinkludi l-atti li għandhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni"[2].

*4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ hija sede stabbilita bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra.

L-att, li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ huwa msejjaħ biex jadottah, jikkostitwixxi att b'effetti ġuridiċi. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 408(3) tal-Ftehim.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jingħata aċċess reċiproku għas-suq se tipproduċi effetti ġuridiċi fit-territorji tal-firmatarji, skont l-Artikolu 406(1) tal-Ftehim,

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas ma jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

### 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

*4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni dwarhom f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

*4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE.

### 4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

## 5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATTI PREVISTI

Skont l-Artikolu 145(2) l-att tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ se jinkorpora l-pjan direzzjonali approvat mill-awtoritajiet Georgjani bħala dokument ta' referenza għall-Kapitolu 8 tat-Titolu IV tal-Ftehim u jirrikonoxxi t-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, l-Approssimazzjoni

[2] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

u l-Aċċess għas-Suq). Id-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jingħata aċċess reċiproku għas-suq se jipproduċi drittijiet u obbligi. Huwa għalhekk xieraq li l-atti jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tagħhom.

2021/0067 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' opinjoni favorevoli għall-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku u li tirrikonoxxi t-tlestija tal-fażi 1 tal-Anness XVI-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra[3] ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838[4] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) L-Artikolu 145(1) tal-Ftehim jistipula li jenħtieġ li l-Georgia tissottometti pjan direzzjonali komprensiv lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku bi skedi taż-żmien u objettivi intermedji, li jenħtieġ li jinkludu r-riformi kollha fit-termini tal-approssimazzjoni leġiżlattiva għall-*acquis* tal-Unjoni.

(3) Skont l-Artikolu 145(2) tal-Ftehim, hija meħtieġa opinjoni favorevoli mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ sabiex il-pjan direzzjonali komprensiv isir dokument ta' referenza għall-proċess ta' implimentazzjoni, jiġifieri għall-approssimazzjoni leġiżlattiva tal-leġiżlazzjoni relatata mal-akkwist pubbliku tal-*acquis* tal-Unjoni.

(4) F'konformità mal-Artikolu 146(2) tal-Ftehim, l-approssimazzjoni mal-*acquis* tal-Unjoni trid titwettaq f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XVI-B tal-Ftehim. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' kull fażi tiġi evalwata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif stabbilit fl-Artikolu 408(4) ta' dan il-Ftehim, u, wara valutazzjoni pożittiva minn dak il-Kumitat, tintrabat mal-għoti reċiproku ta' aċċess għas-suq kif stabbilit fl-Anness XVI-B ta' dan il-Ftehim.

---

[3] ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/838 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Georgia, min-naħa l-oħra (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 26).

(5) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, jeħtieġlu jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 11(2) tal-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia tas-17 ta' Novembru 2014 dwar ir-regoli ta' proċedura, li tagħti opinjoni rigward il-pjan direzzjonali approvat mill-awtoritajiet Georgjani kif ukoll valutazzjoni tal-approssimazzjoni tal-liġi tal-Georgia mad-dritt tal-Unjoni sa issa fit-tlestija tal-fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XVI-B tal-Ftehim. il-pjan direzzjonali ġie approvat mill-Gvern tal-Georgia bid-Digriet nru 536 tal-31 ta' Marzu 2016 tal-Gvern tal-Georgia, dwar l-approvazzjoni tal-Pjan Direzzjonali "Dwar il-bidliet ippjanati fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku previsti f'konformità mal-obbligi bejn il-Georgia u l-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA)" kif emendat mid-Digriet nru 154 tat-22 ta' Jannar 2018 u d-Digriet nru 974 tat-12 ta' Ġunju 2020 tal-Gvern tal-Georgia

(6) Wara r-rikonoxximent tat-tlestija tal-fażi 1, jenħtieġ li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jieħu deċiżjoni, skont l-Artikolu 11(2) tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia tas-17 ta' Novembru 2014 dwar ir-regoli ta' proċedura, dwar l-għoti ta' aċċess reċiproku għas-suq, f'konformità mal-Anness XVI-B tal-Ftehim, għall-provvisti għall-awtoritajiet tal-gvern ċentrali.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ kif ukoll fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, peress li d-deċiżjoni prevista tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ fir-rigward tal-pjan direzzjonali komprensiv approvat mill-Gvern tal-Georgia, u t-tlestija tal-fażi 1 kif stabbilit fl-Anness XVI-B għaż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-għoti ta' aċċess reċiproku għas-suq f'konformità mal-Anness XVI-B tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Wara l-adozzjoni tagħhom, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ imsemmija fl-Artikolu 1 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*